Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-HAMSA W TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 11 ta' Mejju 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 6.30pm |

**Prezenti**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| **SKUZATA** | Dr. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Norbert Pace talab sospensjoni ta' l-Agenda sabiex jinforma lill-Kunsill fuq il-proceduri legali fil-kaz tas-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina.

Hu qal li fis-sentenza li harget it-Tnejn ta' qabel il-Kunsill gie nfurmat li l-kawza spiccat bil-Kunsill johrog biss il-minimu tal-performance bonus cioe' 5% equivalenti ghall-€990.75.

## 1. APPROVAZZJONI TA' *FINANCIAL STATEMENTS*

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif il-Kunsill il-Kunsill din is-sena hareg b'differenza fl-*income and expenditure* ta' € 96,775 u dana minhabba l-backlog ta' pagamenti dovuti lill-kuntratturi ta' € 95,908. Jibqa' l-fatt li l-Kunsill qed juri *surplus* bil-Current Assets fil-*Working Capital* li jammontaw ghall- €135,810 Hi rrispondiet ghal mistoqsijiet tas-Sur Marko Spiteri fosthom li l-infieq huwa bil-bosta iktar mid-dhul u din ha tibqa' problema rikorrenti. Is-Sur Spiteri tenna li l-Kunsill irid inaqqas mill-infieq u jekk hemm bzonn il-Kunsill ikellem lill-kuntratturi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill mhux qieghed hazin sa barra u zieda fl-allokazzjoni ha ttaffi xi ftit mid-deficit u ha jghinu wkoll il-flus li l-Kunsill ghandu jdahhal cioe' €13,681.57 (Pre-Model Agreement), €30,000 (Model Agreement approximation), € 23,158.01 (UIF exkluz il-Progett ta' Dwal Energy Saving li jammonta ghall-€4,248).

Is-Sur M. Spiteri qal li lest jaghti kull ghajnuna lisSegretarju Ezerkuttiv sabiex jittaffew l-ispejjez u l-Kunsill jipprova ma jispiccax bi zbilanc is-sena d-diehla.

Ghaldaqstant il-*financial statements* gew approvati unanimament.

## 2. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-6.30pm ghal-Ħamis, 21 ta' Mejju 2009.

SINDKU DATA